MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 218/2007

Il-Pulizija
(Spt. L. Calleja)
(Spt. R. Aquilina)
Vs
Kevin Barbara

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Dicembru, 2006, ghall-habta tas-6.00 p.m., u fil-5 ta’ Dicembru, 2006, ghall-habta tas-6.00 p.m. u fil-5 ta’ Dicembru, 2006 ghall-habta tas-7.00 a.m., gewwa l-fond numru 5, Hammock, Triq l-Ispnar, Imqabba, nsulenta w hedded lil-mara tieghu Marisa Barbara bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u kkundannatu ghal twiddiba w canfira.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta’ Marisa Barbara w tal-appellant fis-seduta tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Peress illi mix-xhieda ta’ Marisa Barbara ma jirrizultax illi hija giet ingurjatha w mhedda fil-granet u fil-hinijiet in kwistjoni, imma l-ingurji li kien hemm kienu kontra terzi persuni li jistghu jipprocedu kontra l-appellant huma imma ma tistax tipprocedi kontra l-appellant bi kwerela martu ghal dawn l-istess ingurji ghalkemm forsi jolqtuha indirettament billi jirreferu ghal membri tal-familja taghha.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi jidher illi l-appell huwa fondat.

Konsegwentement il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------